huwa bħala Kap Surmast ta' l-Iskejjel ta' dak ir-raħal kellu l-wisa' li dlonk iżur u jistudja. Ta' dan l-istudju huwa ħallielna tifkira f'artikolu sabiħ li kien kiteb "The Tabernacle of Moses. A Maltese Prototype?" u deher fli-"Sphere" Vol. CXXXI. Nru. 1714. tas-26 ta' Novembru. 1932, paġ. 356, fejn kien qabbel il-pjanta tat-Tempju Neolitiku ta' Ħall Tarxien ma' dak ta' Salamun. Flimkien ma' dan ix-xogħol, huwa għaqqad ukoll dak l-istudju l-ieħor ta' l-istorja u, f'dan il-qasam huwa tana l-frott ta' dan l-istudju sabiħ bil-kotba li ħareġ li huma : *L-Istorja ta' Ħaż-Żabbar* (1926); l-*Istorja taż-Żejtun u ta' Marsaxlokk* (1927); l-*Istorja tal-Mosta u tal-Knisja Tagħha* (1930); *l-Istorja ta'* Ħall *Tarxien u tar-Raħal il-Ġdid* (*Pawla*) (1932) u l-*Istorja ta' Birkirkara* (1934). Minn xi erba' snin 'l hawn kien qed ifittex u jiġbor il-materjal biex joħroġ ukoll l-istorja ta' l-Imdina u kien laħaq kiteb biċċa sewwa minnha. Dnub li ma laħaqx għaqqadha kollha għax, għal materjal ta' reqqa u dokumentar li ġabar, din l-istorja ma kenitx tagħmel għajb lil sħabha ta' qabel. Iżda wieħed mix-xogħlijiet sbieħ ukoll u ta' fejda li jibqgħu bħala tifkira tal-bidu tat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel skond is-sistema tal-"Għaqda" taħt il-Kostituzzjoni ta' l-1934 dwar it-tagħlim tal-Malti bħala Lsien ta' l-Edukazzjoni, huma bla dubju ta' xejn, il-Kotba tal-Qari Malti taħt l-isem ta' "Ġabra ta' Ward", stampati fl-Istamperija ta' l-Università ta' Oxford, li Manwel Vella kien inkarikat jikteb mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. A. V. Laferla. Din ma kenitx biċċa xogħol hekk ħafifa daqs kemm tidher, għaliex fil-ġabra ta' bċejjeċ tal-qari għat-tfal hemm is-sengħa tal-metodu pedagoġiku tat-tagħlim li fiha Manwel Vella kien imħarreġ sewwa.

Mill-kompilazzjoni ta' dawn il-kotba 'l quddiem Vella kien taħa għall-istudju tal-kitba Maltija. Mal-Malti ħtieġlu wkoll jgħaqqad studju ta' ilsna oħra semitiċi u, għalhekk, b'rakkomandazzjoni tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni, huwa mar fl-Università ta' Londra fejn għamel kors ta' sena jistudja l-lingwi Orjentali.

Fost il-kitba sabiħa li Vella ħallielna, insemmu t-taħdita storika li kien qara fil-11 ta' Marzu, fl-1945, fuq l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp fir-Rabat ta' l-Imdina u l-artikoli interessanti dwar it-Tagħlim ta' l-Ingliż fl-Iskejjel Primarji (*The Teaching of English in the Primary Schools*) li ħarġu fit-"Teachers Magazine" Vol. IV. Nri. 1 u 2.



Manwel Vella, tista' tgħid, li laħaq fil-grad għoli ta' Spettur ta' l-Iskejjel bil-ħila ta' moħħu. Jekk hawn bniedem f'Malta li tela' u kiber min-nieqa ta' l-Iskejjel tal-Gvern u mill-ebda skola oħra, dak il-bniedem huwa Manwel Vella u, jekk hawn bniedem li għamel ġieh kbir lill-Iskejjel tal-Gvern bil-ħila tiegħu, dan il-bniedem huwa Manwel Vella.

Bħala kap ta' familja kien l-eżempju ta' Missier Nisrani li għaraf irabbi t-tfal fil-biża' t'Alla u f'tagħlim sabiħ u fejjiedi. Bil-mewt tiegħu d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni tilef wieħed mill-iktar ħaddiema u ħabrieka fost il-membri tal-Korp, tiegħu u l-Lsien Malti wieħed mill-iktar kittieb ħawtiel ta' l-Istorja.

Jalla x-xogħol tiegħu li ħalla warajh u t-tifkira ta' għemilu jkunu ta' mera u ħeġġa għal dawk kollha li huma mexjin fit-triq tal-ħidma għall-ġid u risq tal-Malti u ta' Malta.

---

*Fi "Il-Malti" ta' Settembru sa jidher studju tas-Sur Ivo Muscat-Azzopardi dwar il-Kumpaniji tal-Palk Maltin barra minn Malta.*